**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 780/2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo,**

**Spettur Paula Ciantar,**

**Spettur Kurt Farrugia)**

**vs**

**Clayton Azzopardi**

**u**

**Dylan Azzopardi**

Illum, 25 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra:

**Clayton Azzopardi**, ta' 27 sena, iben Jason u Rita nee' Xerri, mwieled il-Pieta nhar il-11 ta' Lulju 1988, residenti gewwa 44, JoePet, Flat 4, Triq Ta' Nawciera, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 336388M

u

**Dylan Azzopardi** ta' 22 sena, iben Jason u Rita nee' Xerri, imwieled il-Pieta nhar il-15 ta' April 1993, residenti gewwa Morning Dew, Flat 6, Triq il-Blajjiet, Marsaskala u detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru 184293M

Akkuzati talli:

1. *Nhar id-19 ta' Settembru 2015, ghal habta ta' bejn id-9:00 ta' fil-ghodu u nofs in-nhar, gewwa dawn il-gzejjer, sraqtu persuna bil-vjolenza, u cioe' lil Luke Vella u/jew persuna/i ohra, bil-hsieb li t' abbuzaw minnu jew tizzewguh, u dan bi ksur ta' l-artikolu 199 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll bl-aggravji imsemmija fl-artikolu 202 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghati setgha lil privat li jarresta lill-hati, jarresta, jzomm jew jissekwestra xi persuna kontra il-volonta taghha, jew tghajtu il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, arrestaw, issekkwestraw u/jew zammew lil Luke Vella u/jew persuna/i ohra, kontra il-volonta tieghu, u dan bi ksur ta' l-artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll bl-aggravji imsemmija fl-artikoli 87 u 88 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *U aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghedu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebbew ghal Luke Vella, u/jew persuna/i ohra, u kkagunawlu griehi ta' natura gravi, skond ma iccertifika Dr.*

*Ryan Camilleri MD ta' l-isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' l-artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,*

4. *U aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, uzajtu vjolenza sabiex iggieghlu lil xi hadd, u cioe lil Luke Vella u/jew persuna/i ohra, jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga, u dan bi ksur tal-artikolu 251 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll bl-aggravji imsemmija fl-artikolu 251H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

**Lil Clayton Azzopardi wahdu:**

5. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2015 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, iz-zewg imputati tennew li ma kienux hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar il-15 ta' Mejju 2017 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

Fil-Konfront kemm ta' Clayton Azzopardi u Dylan Azzopardi:

- Fl-artikoli 199(1) u 202(d), (e), (l) u (m) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 86; 87(1)(c), (e), (f) u 88 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol. 8, 9 ta' l-atti processwali
[2] Fol. 322 ta' l-atti processwali

- Fl-artikoli 214, 215, 216 u 217 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 251(e), (f), (g) u (h) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Fil-konfront ta' Clayton Azzopardi wahdu:

- Fl-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li matul is-seduta tat-18 ta' Dicembru 2017 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputati jekk kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tathom zmien xieraq biex iwiegebu ghal din il-mistoqsija, wiegebu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar it-18 ta' Dicembru 2017.[4]

[3] Fol. 568 ta' l-atti processwali
[4] Fol. 568 ta' l-atti processwali

Rat illi d-difiza għalqet definittivament il-provi tagħha fit-12 ta' Marzu 2024.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemgħu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawża;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-każ jikkonċerna allegata inċidenza ta' sekwestru tal-persuna u aggressjoni mill-imputati Clayton u Dylan aħwa Azzopardi fil-konfront tal-parte civile Luke Vella fid-19 ta' Settembru 2019 ġewwa Ħaż-Żabbar.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser tagħmel riferenza għax-xhieda li nstemgħet viva voce u għad-dokumenti saljenti li hija semgħet u li ġew preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

**L-Ispettur Robert Said Sarreo**, stazzjonat fl-Għassa ta' Raħal Ġdid, xehed fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2015[6]. Spjega kif fid-19 ta' Settembru 2015 għall-ħabta tal-09:45hrs, il-Pulizija ġiet infurmata li viċin tal-istabbiliment Top Choice, Triq

[5] Fol. 1073 ta' l-atti processwali
[6] Fol. 54-59 tal-atti processwali

Villabate, Haz-Zabbar, kien sehh argument bejn diversi persuni. Meta l-Pulizija waslet fuq il-post, ma kien ghad hemm xejn ghaddej u gie mitkellem certu Clayton Bonnici, jahdem fl-imsemmi hanut, li qal li kien ra diversi persuni jargumentaw vicin karozza tat-tip Toyota Vitz griza (numru ta' registrazzjoni DBR-225). L-argument mexa' imbaghad ghal hdejn ir-rampa tal-garaxx tal-hanut fejn f'hin minnhom ghaddiet karozza ohra ukoll tat-tip Toyota Vitz griza, dahlu fiha xi nies u telqu minn fuq il-post. Il-Pulizija tkellmet ma xi nies ohrajn li kienu fl-akkwata u beda jidher li kien hemm tnejn jew tlieta minn nies li hatfu persuna ohra u haduh maghhom fil-karozza. Irrizulta li l-karozza DBR-225, li kienet miftuha, tghajjat lil certu Luke Vella minn Haz-Zabbar. Minn tfittxija fil-vicinanzi instabu zewg mobile phones tat-tip iPhone u Samsung. Vicin tar-rampa tal-garaxx instabu wkoll numru ta' cable ties, sikkina tal-kcina, tape u pepper spray. Dawn l-oggetti gew elevati minn PS 1122. Ix-xhud ra u eleva l-filmati tas-CCTV cameras ta' Top Choice u minn dawn deher li kienet ghaddeja xi kommossjoni vicin il-karozza ta' Luke Vella, li deher li kien l-allegat vittma. L-incidenza damet b'kollox madwar 10 minuti. Kien sar kuntatt mal-familjari ta' Luke Vella imma ma kienux jafu fejn qieghed. Mal hin dahlet informazzjoni anonima fl-Ghassa ta' Hal Luqa li Luke Vella kien inhataf minn certu Dylan, "it-tifel tal-Bona", u gie mehud f'garaxx f'Hal Luqa vicin tad-dar tal-"Bona". Il-Pulizija ghamlet tfittxija f'diversi fondi fl-akkwata ta' Triq Anton Falzon u Triq Anton Vassallo, Hal Luqa izda rrizulta fin-negattiv. Eventwalment, wara informazzjoni, sar kuntatt ma omm Luke Vella fejn ikkonfermat li kien mar lura d-dar imma kien mugugh ghax jidher li kien qala' xeba. Ghalhekk kien ittiehed fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid. Ix-xhud mar sabu hemm u deher li kien malandat hafna tant li kellu diversi daqqiet madwar gismu kollu, kien qed ibaghti biex jimxi u kien qed jirremetti. Fil-fatt, mic-Centru tas-Sahha gie riferut ghall-Isptar Mater Dei. Ghalkemm maghdur, Luke Vella kien tkellem max-xhud u qallu li kienu sawwtuh Dylan u Clayton ahwa Azzopardi minhabba xi

flus li kienet isselfet ommu Sonia minghand Dylan Azzopardi u li kienu ghadhom mhux imhallsa lura. Irrakkonta li kienu segwewh bil-karozza u meta pparkja vicin it-Top Choice biex icempel ghall-assistenza, hargu ghalih, aggredewh severament u ppruvaw jorbtuh bil-cable ties. Eventwalment dahhluh fil-karozza taghhom u telqu' bih minn fuq il-post. Wara din l-informazzjoni, ix-xhud kiseb mandat ghall-arrest tal-ahwa Azzopardi. Gew arrestati aktar tard dakinhar. Dylan Azzopardi ta stqarrija wara li rrifjuta l-jedd ghall-assistenza legali. Stqarr li lill-Luke Vella kien ilu jafu mhux hazin u li dakinhar filghodu kellhom argument. Mill-bqija ghazel li jibqa' sieket. Ix-xhud ha ukoll l-istqarrija ta' Clayton Azzopardi. Wara li kkonsulta mal-Avukat Dr Albert Zerafa, stqarr li kien qed jakkumpanja lil huh Dylan fil-karozza u kienu sejrin lejn Marsaskala. X'hin waslu vicin il-bypass ta' Haz-Zabbar, Dylan waqaf biex ikellem "lil wiehed li kien fil-karozza" u f'daqqa wahda spiccaw jiggieldu. Minn naha tieghu prova jferraqhom, gab il-karozza ta' huh vicin id-drive-in tat-Top Choice u kif irnexxielu jdahhal lil huh fil-karozza, il-persuna l-ohra (Luke Vella) kien pront jidhol fil-karozza ukoll. Eventwalment tefghuh 'il barra fejn traffic lights li hemm vicin. Ix-xhud ipprezenta l-istqarrijiet, certifikati medici u ritratti provduti minn Luke Vella. Spjega li skont informazzjoni moghtija minn Luke Vella lil PS 329, Clayton Azzopardi kien involut daqs huh u mhux veru dak li jghid li hu kemm prova jferraqhom. Rega' xehed fis-seduta tal-10 ta' April 2017[7] fejn ikkonferma li l-USB stick ezebita mill-Ispettur Paula Ciantar kontenenti l-filmat tal-parte civile fil-karozza kienet giet mghoddija lilu mill-istess parte civile u hu kien ghaddieha lill-Ispettur Paula Ciantar biex tipprezentaha.

[7] Fol. 287-288 tal-atti processwali

Illi f'dan il-usb jirrizulta filmat fejn jidher il-parte civile marbut, ferut u qisu mitluf minn sensieh.

In kontro-ezami, fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2022[8], jikkonferma li meta mar fuq il-post f'Haz-Zabbar, kien sab il-karozza tal-parte civile mhux imsakkra. Ma kienx jista' jikkonferma jekk is-sikkina li nstabet f'din il-karozza gietx ezaminata ghal impronti digitali u lanqas jekk filfatt gietx ezebita in atti. Eskluda li l-parte civile kien gie mistoqsi ghalfejn kien hemm sikkina fil-karozza tieghu u ghalfejn kien qed jigri b'zewg mobiles fuqu. Jiftakar lill-parte civile jghid li ma kellux xoghol fiss u li kien "jillapazza 'l hawn u 'l hemm". Eskluda li l-parte civile qatt kien stqarr mal-Pulizija li kien ittiehem mill-imputati f'Wied iz-Zurrieq u mdendel ghal isfel. Ma jidhirlux li kienu nstabu xi affarijiet irregolari fir-residenza tal-imputati. Tfittxija fir-residenza tal-parte civile ma kienitx saret. Fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2022[9] iddikjara li huwa ghamel verifiki li jidher li l-oggetti elevati qatt ma gew ezebiti. Spjega li fos-sena 2016 huwa halla l-Korp tal-Pulizija u allura ma ghadx ghandu access intern ghall-affarijiet li jistghu jkunu ghadhom mizmuma mill-Pulizija. Fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2022[10] spjega li fil-mori kien mar fl-Ghassa tal-Hamrun sabiex ifittex jekk ghadx kemm kaxxa bl-oggetti elevati izda dan irrizulta fin-negattiv.

Ix-xhud esebixxa r-rapport tal-pulizija bin-numru NPS 4/H/2601/2015.[11]

Fl-istess seduta xehed **il-parte civile Luke Vella**[12]. Jghid li madwar xahar qabel kien ipparkjat bil-karozza tieghu tat-tip Toyota Vitz vicin il-Gamblu Confectionery, Haz-Zabbar ghall-habta tad-09:00hrs u gew tnejn minn nies fuqu, minn kull naha tal-karozza u aggredewh. Jaf li kienu l-ahwa Dylan u

[8] Fol. 813-815 tal-atti processwali
[9] Fol. 914-918 tal-atti processwali
[10] Fol. 934-936 tal-atti processwali
[11] Dok RS1, Folio 60-63 ta' l-atti processwali
[12] Fol. 90-107 tal-atti processwali

Clayton Azzopardi li huwa gharaf fl-awla. Jghid li kien jaf lil Dylan Azzopardi biss qabel u dan ghax madwar 4 snin qabel, ommu Sonia kienet isselfet madwar €3,000 minghandu u missieru. Azzopardi kienu qed jippretendu hlas lura ta' €5,000 u ghalhekk kienu qed isiru pagament kemm minn ommu u kemm minnu, kien hemm incident xi sena qabel fejn Dylan Azzopardi kien ghamel xenata f'hanut fejn kienu. Ftit jiftakar mill-incident minhabba li beda jintilef minn sensih kagun tad-daqqiet li kien qala' ghalkemm jaf li gew miz-zewg nahat tal-karozza u minkejja li beda jissara maghhom, kaxkruh' il barra mill-bieba u bdew ituh. Jiftakar li qala' daqqa qawwija hafna vicin ghajnejh minn Dylan Azzopardi ghax kien bic-curkett. Prova jahrab lejn garaxx fin-naha l-ohra tat-triq imma grew warajh, qabduh u tefghuh mal-art tlett darbiet. Jghid li Azzopardi uzaw ukoll xi pepper spray, rabtuh bil-cable ties u sawwtuh b'injama. Ix-xhud sahaq li kemm Dylan u kemm Clayton Azzopardi bdew jaggreduh "Dylan beda jifgani u jipprova jorbotni l-iehor Clayton". Jghid li ghamel madwar saghtejn marbut fil-karozza qabel ma l-imputati haduh lura d-dar ghall-habta tal-11:30hrs. Il-parte civile spjega li konsegwenza tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri, saritlu operazzjoni f'ghajnejh. Spjega li r-ritratti li pprezenta l-Ispettur Robert Said Sarreo kien ircevihom minghand habib tieghu, li minn naha tieghu kien ircevihom minghand Clayton Azzopardi, li fil-fatt kien gibidhom. Kien hemm ritratti ohrajn li ha hu stess wara sabiex juri l-griehi li kien sofra.

Il-parte civile rega' ha l-pedana fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2016[13]. Ipprezenta USB drive kontenenti filmat li skont kif jallega gibed Clayton Azzopardi waqt li kien Dylan Azzopardi kien qed jorbtu u jiddahhal fil-karozza. Imbaghad gie mghammad u ttiehed f'garaxx. Dan il-filmat wasal ghandu tramite terza

[13] Fol. 218-222 tal-atti processwali

persuna. Ix-xhud esebixxa sensiela ta' ritratti[14] li juru diversi griehi friski li huwa sofra fuq wiccu, partikolarment ghajnejh u f'diversi postijiet fuq gismu.

In kontro-ezami fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023[15], il-parte civile iccara li inizzjalment kien jaf biss lil Dylan Azzoaprdi. Sar jaf min hu Clayton Azzopardi biss wara l-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Jiftakar li l-ewwel persuna li aggredih kien Dylan Azzopardi u wara dik ftit li xejn jiftakar. Wara li Dylan Azzopardi kien gie kkuntattjat mill-Pulizija, telqu bih Hal Far u ghabbewh go van misjuq minn terz li hadu lura hdejn id-dar. Waqt li kien maqbud gol-garaxx kien maz-zewg imputati. Mid-dikors li beda jsir bejn l-imputati, kien car li Dylan Azzopardi kien qed imexxi kollox u sahansitra kien offra €1,000 lil Clayton Azzopardi biex jghinu f'din il-vicenda. Jeskludi li rega' kellu x'jaqsam ma Clayton Azzopardi wara l-incident izda jghid li kien hemm kuntatt diversi drabi ma Dylan Azzoapri fejn anke' gie offrut €5,000 biex iwaqqa' l-kaz. Fis-seduta tal-6 ta' Gunju 2023[16] il-parte gie kawzjonat bid-dritt li ma jihidx sabiex ma jinkriminax ruhu.

Fl-istess seduta xehdet **Sonia Vella**[17], omm il-parte civile Luke Vella. Tghid li saret taf bl-incident meta cemplulha l-Pulizija biex isaqsuha jekk tafx fejn kien it-tifel u sabiex tigbor ic-cavetta tal-karozza tieghu. Imbaghad xi hin wara cemplitilha certu "Jess", it-tfajla ta' Luke Vella, u qaltilha li kien qieghed id-dar ferut, b'ghajnejh maghluqa u jirremetti d-demm. Haduh ic-Centru tas-Sahha u wara l-Isptar Mater Dei, fejn baqghet takkumpanjah. Tikkonferma li taf li l-kwstjoni mal-ahwa Azzopardi inqalghet minhabba li kienet isselfet €3,000

[14] Folio 77-89 ta' l-atti processwali
[15] Fol. 969-977 tal-atti processwali
[16] Fol. 996-997 tal-atti processwali
[17] Fol. 108-113 tal-atti processwali

minghand Dylan madwar 4 snin qabel. Tghid li kienet ilha li hallset il-kapital imma kien dejjem baqa' jippretendi izjed imghax.

**PS 1122 Arthur Rizzo**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Bormla, xehed fis-seduta tad-29 ta' Dicembru 2015[18]. Jispjega li fid-19 ta' Settembru 2015, huwa flimkien ma PC 2 u PC 558 irrispondew ghar-rapport dwar l-incidenza de quo u rrikorrew vicin il-hanut Top Choice, Triq Villabate, Haz-Zabbar. Tkellem ma Clayton Bonnici, haddiem f'dak il-hanut. Ix-xhud talab ukoll l-assistenza tar-Rapid Intervention Unit sabiex ifittxu fl-inhawi. Ix-xhud innota vettura tat-tip Toyota Vitz DBR-225 li kienet miftuha. Rrizulta kienet tghajjat lill-parte civile Luke Vella. Hdejn din il-vettura mal-art instab mobile tat-tip iPhone mal-art. Gol-vettura kien hemm mobile iehor tat-tip Samsung kif ukoll oggetti ohrajn li jinkludu sikkina tal-kcina, cable ties hoxnin u roll duct tape. Instabu cable ties ohrajn simili fir-rampa tal-garaxx tal-istabbiliment Top Choice, kienu mqabbda b'mod indikattiv li kienu ser jintuzaw bhal manetti. Instab ukoll bott gass tad-dmugh. Ix-xhud ezamina ukoll il-filmati CCTV mill-istabbiliment Top Choice. Jispjega li ghalkemm l-angolu tal-camera ma kienx ottimu biex jaqbad l-incident, xortwahda huwa ta' relevanza ghax fix-xifer jidher il-moviment ta xi nies jigru wara xulxin. Fis-26 ta' Settembru 2015 ix-xhud tkellem ma sidien ta' dar vicin li ukoll kellha CCTV camera u gew elevati filmati minn hemm ukoll. Minn dan il-filmat, kif jispjega x-xhud, jidher car il-vittma jigi mkaxkar, imswwat, mitfugh mal-art u eventwalment iddahhal f'karozza ohra tat-tip Toyota Vitz, kulur griz jew blu car, u jitilqu minn fuq il-post. Mil-lat ta' identifikazzjoni, ix-xhud jghid li in kwantu ta' statura, ma jeskludix li l-aggressuri li jidhru fil-filmat huma l-imputatati madankollu iccara li l-ucuh ma jidhrux daqstant cari.

[18] Fol. 126-131 tal-atti processwali

Fis-seduta tad-29 ta' Dicembru 2015 xehed **PS 329 Reuben Saliba**[19], stazzjonat fl-Ghassa taz-Zurrieq. Jispjega li nhar id-19 ta' Settembru 2015 wara nofsinhar, inghata struzzjonijiet mill-Ispettur Robert Said Sarreo sabiex imur fi Triq Villabate, Haz-Zabbar u jfittex ghal oggetti vicin vettura Toyota numru ta' registrazzjoni DBR-225 li kienet ipparkjata hemm. Fil-karozza instab mobile Samsung S5 iswed kif ukoll zarbuna. Iz-zarbuna l-ohra instabet taht il-karozza. Ix-xhud imbaghad attenda l-Isptar Mater Dei fejn gabar certifikat rigward il-griehi subiti mill-parte civile Luke Vella minghand Dr Ryan Camilleri. Ghamel aggornament fir-rapport dwar din l-incidenza.

Fl-istess seduta xehed **Clayton Bonnici**[20]. Jahdem fil-hanut Top Choice, Triq Villabate, Haz-Zabbar. Jiftakar li kien qed jaqdi klijent gewwa l-hanut u sema xi tpaqpiq barra. F'daqqa wahda dahal ragel minn barra u qal cemplu lill-pulizija ghax hemm glieda barra. Dak il-hin ghalqu l-bieb tal-hanut. Jghid li ma ra xejn minn dak li allegatament kien qed isir barra izda sema' xi tisbit mal-bieb tal-garaxx tal-hanut. Ikkonferma li l-hanut ghandu zewg CCTV cameras jaghtu ghal barra u fil-fatt kien ra dawn il-fimati flimkien mal-Ispettur.

Illi minn ritratti ta' dawn il-filmati[21] jidher car persuna li kienet qeda tahrab minn persuna ohra. Jidher ukoll vettura ta' lewn griz isegwi lill-istess persuna u zewg persuna isawtu persuna li spicca midrub ma l-art. Finalment tidher l-istess vettura titlaq minn fuq il-post ta' l-incident.

Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2016 xehed **Stephen Cachia**[22] in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. Ikkonferma li l-vettura Toyota Vitz lewn silver

[19] Fol. 138-140 tal-atti processwali
[20] Fol. 142-151 tal-atti processwali
[21] Folio 33 ta' l-atti processwali
[22] Fol. 155-156 tal-atti processwali

bin-numru ta' registrazzjoni DBR-225 hija registrata fuq il-parte civile Luke Vella[23].

Fl-istess seduta xehed **PS 836 Joseph Vella**[24], stazzjonat fit-Taqsima Forensika, li pprezenta serje ta' 44 ritratt ossija stills elevati minn filmat CCTV.

Fl-istess seduta xehed **PC 1287 Darren Calleja**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Hal Luqa[25].Jghid li fid-19 ta' Settembru 2015 dahlet telefonata anonima fl-Ghassa ta' Hal Luqa minn persuna maskili li qal cempillu habib tieghu jismu "Luke" u qallu li kien gie mahtif minn certu Dylan "it-tifel tal-Bona" u li kien maqful f'garaxx Hal-Luqa. Fuq din l-informazzjoni saru tfittxijiet fi Triq Andrea Vassallo u Triq Anton Falzon, Hal Luqa. Sussegwentament saret tfittxija ukoll fir-residenza u l-garaxx ta'  certu Francis Borg izda ma rrizulta xejn. Dwar dan giet infurmata l-Ispettur Paula Ciantar.

**L-Ispettur Paula Ciantar**, stazzjonata Vice Squad, xehdet fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016[26]. Spjegat li fid-19 ta' Settembru 2015 kienet duty officer responsabbli mit-tielet distrett u kienet giet informata mill-Ghassa ta' Hal Luqa li kienet dahlet telefonata anonima b'informazzjoni li l-parte civile Luke Vella kien qed jinzamm minn Dylan Azzopardi gewwa garaxx f'Hal Luqa. Minn naha taghha ordnat li jsiru t-tfittxijiet u investigazzjonjiet necessarji. Aktar tard, flimkien mal-Ispettur Robert Said Sarreo, kienet prezenti ghat-tehid tal-istqarrijiet tal-imputati. Fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017[27] ix-xhud prezentat USB stick kontenenti filmat mghoddi mill-parte civile Luke Vella.

[23] Dok SC1, Folio 157 ta' l-atti processwali
[24] Fol. 158-159 tal-atti processwali
[25] Fol. 162-165 tal-atti processwali
[26] Fol. 171-173 tal-atti processwali
[27] Fol. 282-283 tal-atti processwali

Fis-seduta tas-27 ta' April 2016 xehed **it-Tabib Dr Ryan Camilleri**, adett fid-Dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar Mater Dei[28]. B'referenza ghac-certifikat ezebit a Fol. 26 tal-atti, ikkonferma li kien ezamina lill -parte civile Luke Vella fid-dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar Mater Dei. Spjega li mis-CT scan li kien ittiehed, irrizulta li l-parte civile Luke Vella fratturi fil-wicc konsistenti ma griehi gravi. Kien hemm bzonn ta' follow-up mid-dipartimenti tal-ENT u tal-oftalmologija.

Fis-seduta tat-12 t'Ottubru 2016 xehed **it-Tabib Dr Christopher Zarb**[29]. Ikkonferma li aktar lura kien ezamina lill-parte civile Luke Vella u minhabba li kellu hafna ugiegh fil-muskoli, ma kienx seta' jattendi ghall-Qorti.

Fis-seduta tad-19 ta' Dicembru 2016 xehdet **Kelly Belguendouz**[30]. Ikkonfermat li hija kienet irceviet filmati li fih jidher il-parte civile Luke Vella "imsawwat u marbut" minghand l-imputat Clayton Azzopardi tramite WhatsApp. Tghid li hasbet li l-filmat kien cajta, u baghtithu lil certu Dylan McKay. Wara ftit avvicinaha Luke Vella dwar il-filmat ghax kif tghid, probabbilment ghaddihulu Dylan McKay. Hemm indunat li ma ma kienx cajta ghax Luke Vella kien jidher ghadu ferut. Minn naha taghha baghtitlu l-filmat wara li qalla li kellu "bzonn il-video minhabba l-Qorti". In kontro-ezami eskludiet li Luke Vella kien qalilha x'ghandha x'tixhed u tghid li aktar kienu kellmuha l-Pulizija dwar is-seduta fil-verita' milli Luke Vella. Luke Vella kien biss suggerielha li tixhed bil-maghluq sabiex tevita inkwiet ghaliha u dan f'inkontru li sar f'Haz-Zabbar fil-prezenza ta' certu Dylan Difesa.

---

[28] Fol. 178-182 tal-atti processwali
[29] Fol. 215-216 tal-atti processwali
[30] Fol. 231-257 tal-atti processwali

Fis-seduta tal-10 ta' April 2017 xehed **Mr Hermann Borg Xuereb**, ENT consultant[31]. Jghid li ghalhekk kien il-konsulent inkarigat mill-kura tal-parte civile Luke Vella, huwa qatt ma kien rah personalment. Kien gie riferut lid-dipartiment tal-ENT fid-19 ta' Settembru 2015 minhabba li kien qed isofri minn diplopia u cioe' jara doppju, dna minhabba li kellu tright orbital blow out. Gie operat ghal din il-kondizzjoni fit-3 ta' Ottubru 2015. Din kienet tikkonsisti fl-inserzjoni ta' garza artificjali wara l-ghajn sabiex izzomm il-muskoli u x-xaham f'posthom minkejja li l-ksur li jkun hemm tahthom. Minkejja l-operazzjoni, xorta kien ghad ghandu grad ta' diplopia u ghalhekk gie riferut fid-dipartiment tal-oftalmologija.

Fl-istess seduta xehd it-tabib **Dr. Brian Grech**[32] li ikkonferma c-certifkat mediku esebit a folio 70 ta' l-atti processwali. It-tabib jikkonferma li Luke Vella kellu frattura f'wiccu fost griehi ohra.

Fl-istess seduta xehed **Dr Ryan Grech** mid-dipartiment tal-ENT[33]. Referenza ghad-dokument ezebit a Fol. 70 tal-atti, ikkonferma li huwa kien ezamina lill-parte civile Luke Vella, li kellu right maxillary fracture, diversi grif u anke' xi marki ta gdim.

Fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2017 xehdet **Dr Sarah Bezzina**[34]. Referenza d-dokument ezebit a Fol 294 tal-atti, ikkonfermat il-firma taghha. Tikkonferma li segwiet lill-parte civile fl-4 ta' Ottubru 2015 bhala houseman flimkien mal-konsulenti. Dakinhar kien gie certifikat tajjeb biex imur id-dar filwaqt li jkompli jsegwi l-kors ta' medicina moghtija.

---

[31] Fol. 289-291 tal-atti processwali
[32] Folio 292-293 ta' l-atti proesswali
[33] Fol. 292-293 tal-atti processwali
[34] Fol. 335-337 tal-atti processwali

Fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2017 xehdet **Maria Dolores Vella Cassia** in rapprezentanza tal-Isptar Mater Dei[35]. Ipprezentat kopja tal-fajl mediku tal-parte civile Luke Vella[36].

Fl-istess seduta xehed **Mr John Casaletto**, consultant orthopasdic surgeon[37]. Ikkonferma li fl-1 ta' Dicembru 2016 kien opera lill-parte civile Luke Vella minhabba li kellu l-ispalla leminija dislokata u cioe' qed tinqala'. Spjega li filwaqt li l-fatt li l-parte civile gie aggredit zied il-problema, huwa probabbli li l-parte civile diga' kien predispost ghal problemi fl-ispalla in kwistjoni. In kontro-ezami irrefera ghal fajl mediku tal-parte civile fejn inghad li kien hemm "previous dislocations" tal-ispalla. Gie deciz li l-parte civile jigi operat f'Novembru 2016 wara li kien gie nvistat diversi drabi minn membri tat-team tax-xhud. Jghid li immedjatament wara l-incident tad-19 ta' Settembru 2015 kien sar intervent zghir biex l-ispalla titpogga f'postha imma imbaghad kien hemm bzonn li ssir operazzjoni principali.

Fl-istess seduta xehed **it-Tabib Dr James Vassllo**[38]. Ikkonferma li fid-19 ta' Settembru 2015 kien invista lill-parte civile Luke Vella. Kien ilmenta minn daqqiet ta' ponn u ta' sieq u mill-ezamijiet li saru, irrizulta li kien qed isofri minn nuqqas ta' vista moderat apparti li l-kpiepel tal-ghajnejn kienu minfuha hafna. Xi jiem wara irrefetih ghal aktar ezamijiet, inkluz CT scan biex jigi determinat jekk hemmx ksur fl-orbita tal-ghajn.

Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2017 xehed **Dr Melvin Gouder**, konsulent fl-oftalmologija[39]. Ikkonferma li ezamina lill-parte civile fit-3 ta' Marzu 2016 fejn kien ordna li jsir OCT scan sabiex jigu determinat l-estent tal-ksur fl-orbita tal-

[35] Fol. 339 tal-atti processwali
[36]Dok MDVC1 Folio 294-311, 341-536 ta' l-atti processwali
[37] Fol. 537-541 tal-atti processwali
[38] Fol. 542-543 tal-atti processwali
[39] Fol. 560-567 tal-atti processwali

ghajn. Irrizulta li minhabba l-ksur, il-parte civile ma setax itella' l-ghajn 'il fuq u konsegwenza ta' dan ikun hemm angoli ta' vista fejn jara doppju, specjalment meta jhares 'il fuq. Saret operazzjoni "right orbital blowout" mill-ispecjalisti fid-dipartiment tal-ENT. Jidher li wara l-operazzjoni, il-moviment tal-ghajn mar ghall-ahjar imma mhux kompletament imfejjaq. Spjega li minhabba li l-parte civile kellu bzonn il-punti madwar l-ghajn, hemm indikazzjoni ta' blunt trauma fuq l-ghajn. Spjega li hija possibilita' reali li l-vista tibqa' ma tigix lura ghan-normal f'dan it-tip ta' kazijiet u jkun hemm bzonn nuccali bl-uzu ta' prisms fil-lenti sabiex tigi kkumpensata d-double vision.

Fis-seduti tad-29 ta' Marzu 2022[40] u tal-10 ta' Gunju 2022[41] xehdet **Noeleen Cassar**, ufficjal tal-probation. Ippreparat u pprezentat social inquiry report relattiv ghall-imputat Dylan Azzopardi. Ikkummentat li kien hemm kooperazzjoni minn naha tal-imputat u jidher li dan qed jghix hajja familjari stabbli u ma kienx jidher li hemm problema ta' abbuz minn sustanzi illeciti. Mill-banda l-ohra irrimarkat li kien hemm insistenza mill-parte civile Luke Vella li jkun hemm sentenza karcerarja minhabba l-gravita' tal-griehi li huwa garrab.

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2022 xehdet **Stefania Calafato Testa**[42], Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali, li ezebiet diversi sentenzi moghtija fil-konfront tal-parte civile Luke Vella.

Fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2022 xehdet **Svetlana Muscat**[43], ufficjal tal-probation. Ippreparat u pprezentat social inquiry report dwar l-imputat Clayton Azzopardi. Jidher li kellu tfulija difficli u li minn meta kien zghir, kien

---

[40] Fol. 766-767 tal-atti processwali
[41] Fol. 859-861 tal-atti proceswali
[42] Fol. 816 tal-atti processwali
[43] Fol. 880-881 tal-atti processwali

espost ghal imgieba kriminali. Hareg li hemm bzonn ta' ghajnuna psikologika kif ukoll ghajnuna dwar il-problema tal-uzura. Testijiet tal-awrina ghal sustanzi illeciti irrizultaw fin-negattiv.

Fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2022 xehdet **PS 2360 Rachel Gatt**, stazzjonata fl-Ghassa tal-Hamrun[44]. Spjegat li minn naha taghha ma kienet taf xejn dwar fejn qieghda jew x'seta' gara mill-kaxxa kontenenti l-oggetti elevati mill-karozza tal-parte civile f'dan il-kaz.

Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024 xehed minn rajh **l-imputat Dylan Azzopardi**[45]. Jghid li kien sar jaf lill-parte civile Luke Azzopardi tramite habib komuni Trevor Borg. Xi zmien wara li saru jafu lil xulxin, Luke Vella kien talbu biex ommu tissellef xi flus ghal "xi denunzja" u kien iffacilita ma missieru sabiex effettivament giet mislufa il-flus li kellha bzonn. Evantwalment, il-hlas lura ta' dawn il-flus safa diffikultuz u kienu anke' rrikorrew ghal assistenza legali izda omm l-imputat qatt ma nstabet, lanqas permezz tal-Purtier tal-Qorti. Gara li kien kien inzerta lil Luke Vella f'hanut tal-ikel f'Haz-Zabbar u ha l-opportunita' biex ifakkru fil-flus. Ir-reazzjoni ta' Luke kienet aggressiva u biex jevita konfront telaq 'l hemm. Xi zmien wara, kien ma huh Clayton bil-karozza fl-istess inhawi u rega' nzerta lil Luke Vella hdejn il-Gamblu Confectionery u meta rega' stqsieh dwar il-flus, Vella rega' kien aggresiv u sahansitra hareg sikkina ghalih mill-karozza u qabad joffendih. Biex jiddefendi ruhu, imbotta l-bieba tal-karozza ghal fuq Vella u minn hemm ghaqdet glieda bejniethom fejn Vella "qabad jaghti" u "jien bdejt naghti". Wara d-daqqa ta' bieba s-sikkina sparixxiet. Bdew jigru wara xulxin u anke' qasmu ghan-naha l-ohra tat-triq fejn Vella qabad injama u beda' jaghti biha. Jghid li sofra xi daqqiet u gidma f'idu u li ghandu certifikar mediku dwar dawn il-griehi. Wara l-konfront dahlu fil-

[44] Fol. 937-941 tal-atti processwali
[45] Fol. 1045-1062 tal-atti processwali

karozza u Luke Vella suppost kellu jiehdu hdejn ommu biex jitlobha l-flus. Ghamel 5 minuti ihabbat u ma fetah hadd filwaqt li huh Clayton baqa' fil-karozza ma Luke Vella. Wara li baqa' ma fetah hadd, lil Luke Vella hallih hemm u wassal lil huh Bugibba. Xi hin qara kellmuh il-Pulizija, nizel Haz-Zabbar u arrestawh. B'referenza ghall-filmat tal-parte civile mizmum fil-karozza ezebit in atti, jghid li ghalkemm sema' bih, jghid li ma jaf xejn dwaru u li "ma nidholx fiha" ghax jekk ittiehed waqt li kien qed ihabbat lil omm l-imputat, ma kienx fil-karozza dak il-hin. Jghid li bejn l-incident u l-prezent kien hemm diversi okkazjonijiet fejn gie kuntattjat mill-parte civile kemm personalment kif ukoll tramite messaggi fejn beda' jitlobu l-kumpens biex iwaqqa' l-kaz. In kontro-ezami jghid li l-ftehim bejn missieru u omm il-parte civile dwar il-flus kien imur lura ghas-sena 2012 jew 2013. Filwaqt li ma eskludiex li ta daqqiet lil-parte civile f'rasu, spjega li dan sar "biex jahrab mis-sikkina". Qabel li dahhal lil-parte civile fil-karozza bil-forza sabiex jiehdu ghand ommu ghax kif jghid, fil-verita', u lil ommu kien ried ikellem.

Fl-istess seduta xehed minn rajt **l-imputat l-iehor Clayton Azzopardi**[46]. Jghid li huh Dylan kien talbu biex imur jghinu f'post f'Marsaskala li kien xtara. Meta kienu fil-bypass ta' Haz-Zabbar, huh waqqaf il-karozza u meta ghadda ftit hun, hares barra u ra glieda bejn huh u ragel iehor. Hu prova jferraqhom u imbaghad qabad u saq il-karozza vicin rampa ta' garaxx biex jigbor lil huh. Telghu it-tnejn li huma u huh beda' jsuq lejn Haz-Zabbar. Huh imbaghad nizel mill-karozza filwat li hu baqa' hemm flimkien mal-parte civile. Jikkoncedi li kien hu li f'dak il-mument gibed filmat tal-parte civile "ha nara nbezzghu lil dan" waqt li l-parte civile kellu jdejh marbuta b'tie clips li Dylan kien sab fil-karozza. Jeskludi li wara l-incident, il-parte civile kien ikkuntattjah u talbu l-flus. Jeskludi li kien

[46] Fol. 1063-1066 tal-atti processwali

jaf lil Luke Vella qabel grat din l-affari. Jikkonferma li lill-parte civile hallewh Haz-Zabbar filwaqt li Dylan wasslu lura Bugibba.

Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2024 xehed **Louis Bellizzi**[47] mill-Caritas. Spjega li ilu sentejn jassisti lill-imputat Clayton Azzopardi minhabba li kellu xi problemi finanzjarji u ta' dejn u li fil-prezent, qieghed fit-triq it-tajba ghax qed jahdem regolari u ghandu hajja familjari stabbli.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrijiet ta' l-imputati**

Illi l-istqarrija tal-imputat Dylan Azzopardi[48] ittiehdet mid-19 ta' Settembru 2015 mill-Ispettur Robert Said Sarreo fil-prezenza tal-Ispettur Paula Ciantar u PC 656 J.Hili gewwa d-Depo, Floriana wara li rrifjuta l-jedd ghall-assistenza legali[49]. Stqarr li lill-Luke Vella kien ilu jafu mhux hazin u li dakinhar filghodu kellhom argument. Mill-bqija ghazel li jibqa' sieket. L-imputat ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu.

Illi l-istqarrija ta' Clayton Azzopardi[50] ittiehdet ukoll fid-19 ta' Settmebru 2015 mill-Ispettur Robert Said Sarreo fil-prezenza tal-Ispettur Paula Ciantar fid-Depo, Floriana, wara li l-imputat ikkonsulta mal-Avukat Dr Albert Zerafa. Stqarr li lil parte civile Luke Vella ma kienx jafu qabel u li dakinhar, kien qed jakkumpanja lil huh Dylan fil-karozza u kienu sejrin lejn Marsaskala. X'hin waslu vicin il-bypass ta' Haz-Zabbar, Dylan waqaf biex ikellem "lil wiehed li kien fil-karozza" u f'daqqa wahda spiccaw jiggieldu. Minn naha tieghu prova jferraqhom, gab il-karozza ta' huh vicin id-drive-in tat-Top Choice u kif irnexxielu jdahhal lil huh fil-karozza, il-persuna l-ohra (Luke Vella) kien pront

[47] Fol. 1074-1077 tal-atti processwali
[48] Fol. 66-67 tal-atti processwali
[49] Dok RS3, Folio 65 ta' l-atti processwali
[50] Fol. 68-69 tal-atti processwali

jidhol fil-karozza ukoll. Eventwalment tefghuh 'il barra fejn traffic lights li hemm vicin.  L-imputat ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija.

**Ikkunsidrat**

**Trattazzjoni**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-kawza fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2024[51]. Il-prosekuzzjoni tghid li l-griehi gravi sofferti mill-parte civile huma ampjament ipprovati permezz tax-xhieda tad-diversi tobba u konsulenti li kkurawh. Tirrimarka li l-parte civile kien dejjem konsistenti fix-xhieda tieghu u li dak li jixhed isib korroborazzjoni fix-xhieda ta' ommu mil-lat ta' kuntest kif ukoll mill-filmati CCTV elevati  minn Top Choice u mill-filmat migbud minn Clayton Azzopardi dwar l-incident innifsu. Tghid li l-imputat Dylan Azzopardi mhux kredibbli ghax filli jghid li kien qed jibza' mill-parte civile ghax dan kellu sikkina u jidher jigri warajh hu stess. Lanqas ma beza minnu meta sahansitra dahhlu fil-vettura tieghu bil-forza biex jiehdu ghand ommu Sonia Vella ghall-flus. Il-komplicita' ta' Clayton Azzoprdi hija manifest kemm mill-fatt li jidher qed jassisti lil Dylan Azzopardi fil-filmati elevati minn Top Choice u aktar bil-fatt li kien hu li gibed il-filmat tal-parte civile waqt li kien qed jinzamm fil-karozza ta' Dylan Azzopardi. A bazi ta' dawn il-fatturi, skont il-prosekuzzjoni, ghandha tinstab htija fiz-zewg imputati. Tinsisti fuq piena karcerarja.

Id-difiza ta' Dylan Azzoprdi tghid li r-retroxena hija li Dylan Azzopardi huwa bniedem b'fedina penali nadifa li intervjena bejn missieru u omm Luke Vella u meta din ma hallsitx il-flus lura, spicca jhossu responsabbli ghax kien hu li ffacilita dan is-self. Mill-banda l-ohra, Luke Vella huwa persuna aggressive u vjolenti kif tixhed il-fedina penali tieghu u fil-fatt, kien hu li hareg sikkina ghal-

[51] Fol. 1130-1148 tal-atti processwali

Dylan Azzopardi appena dan fakkru li ommu kien ghad ghandha taghti l-flus lil missieru. Tghid li l-fatt li kienet instabet sikkina vicin il-karozza ta' Luke Vella gie kkonfermat mill-Ispettur Said Sarreo ghalkemm is-sikkina ma gietx ezebita. A bazi ta' dan, tallaccja l-griehi sofferti minn Luke Vella mal-legittima difesi u ssaqsi jekk il-theddida kientix attwali u imminenti. Tghid li kien Luke Vella li qala' l-glieda tant li flok saq minn fuq il-post, hareg mill-karozza biex ikompli jiggieled. Tghid li anke' jekk jirrizulta eccess fil-legittima difesi, dan huwa skuzat mill-fatt li Luke Vella hareg is-sikkina u ghalhekk kien hemm l-element tal-hasda ai termini tal—Artikolu 227 tal-Kap. 9. Finalment, tirreferi ghas-social inquiry report li jikkonferma li Dylan Azzopardi huwa bniedem edukat u civili u li llum qed irabbi familja. Ghalhekk tghid li piena karcerarja certament mhux idoneja.

Id-difiza ta' Clayton Azzopardi tilmenta li n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ossija "artikoli" ticcita l-Artikoli 216 u 217 tal-Kap. 9 b'mod generiku minghajr ma tispecifika liema subinciz japplika. Tghid li fil-kaz *Pulizija vs Frederick Dalli*, din il-Qorti kif diversament preseduta ma sabitx taht l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 minhabba dan id-difett. Tghid li l-Artikolu 217 tal-Kap. 9 qatt ma jista' japplika ghax l-allegata arma lanqas biss giet ezebita in atti ahseb u ara kemm saru ezamijet ghal impronti digitali fuqha. Bl-istess mod, il-video tal-parte civile fil-karozza ma gie kkonfermat mill-ebda xhud apparti l-fatt li l-pendrive kienet dik mghoddija mill-parte civile. Tilmenta li n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju hija difettuza ukoll ghax ticcita artikoli non-ezistenti fejn huwa koncernat l-Artikolu 251 et seq, u cioe li l-allegati subincizi (e),(f),(g) u (h) ma jezistux taht dak l-Artikolu. Tghid li Clayton Azzopardi qatt ma jista' jinstab hati tar-recediva ghax ghalkemm giet ezebita sentenza in prima instanza, ma ttellax' ir-registratur sabiex jikkonferma jekk sarx appell u jekk il-multa hemm imposta thallsitx. Fuq dan il-punt tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali

fl-ismijiet *Pulizija vs Joseph Grech* deciza fit-28 ta' Gunju 2017. Tirreferi ukoll ghas-sentenza *Pulizija vs Said Buslama*. Mill-bqija, tghid li Clayton Azzopardi "was at the wrong place at the wrong time" u per se ma kellux il-hsieb li jmur isib lil Luke Vella ghax lanqas biss kien jafu. Ghalhekk, tghid li ma hemmx il-common design rikjest ghal sejbieb ta' komplicita'. Tghid li fil-filmati, imkien ma jidher Clayton Azzopardi jsawwat lil Luke Vella u mbilli saq il-karozza biex jitilqu minn fuq il-post ma jfissirx li kien qed jopera b'komplicita' ma huh, tant hu hekk li fix-xhieda tieghu, Luke Vella kwazi ma jsemmi lill-Clayton Azzopardi f'xejn. Tissottometti li fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali naqas milli jirreferi ghall-artikoli regolanti l-komplicita' u allura l-Qorti hija prekluza milli tqis lill-Clayton Azzopardi bhala komplici. Finalment tirreferi ghas-social inquiry report li jghid li Clayton Azzopardi qed jghid hajja familjari stabbli u qed jahdem sabiex isostni l-familja.

**Ikkunsidrat:**

**Komplicita' ta' Clayton Azzopardi**

Illi l-fatti in ezami jistghu jaghtu l-impressjoni li l-irwol ta' Clayton Azzopardi fl-incidenza de quo kien ta' komplici tal-imputat l-iehor Dylan Azzopardi, li huwa huh. Id-difiiza tal-imputat Clayton Azzopardi tissottometti li l-Avukat General naqas milli jiccita l-Artikoli regolanti l-komplicita', u cioe' l-Artikolu 42 *et seq* tal-Kodici Kriminali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. Dan huwa minnu. Ghalhekk, minkejja dak li inghad, il-Qorti tista' biss tqis il-komportament ta' Clayton Azzopardi versu l-imputazzjonijiet odjerni biss bhala ko-awtur tar-reati addebitati u mhux fi kwalunkwe vesti ohra.

**L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Imputazzjonijiet**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputati qed jigu mixlija li serqu l-persuna tal-parte civile Luke Vella bil-vjolenza, bil-hsieb, f'dak il-kaz, li jabbuzaw minnu. F'dan ir-rigward, l-Avukat Generali iccita l-Artikoli 199(1) u 202(d), (e), (l) u (m) tal-Kodici Kriminali bhala dawk applikabbli.

Qabel ma gie emendat fis-sena 2018, l-Artikolu 199(1) kien jaqra li *(1) Kull min jisraq persuna bi vjolenza, bil-hsieb li jabbuza minnha jew li jizzewwigha, jehel, fl-ewwel kaz, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn tmintax-il xahar sa tlett snin, …(omissis)",* filwaqt li l-Artikolu 202 jrid li l-piena tiżdied bi grad sa żewġ gradi fil-każ meta jirrizultaw certu cirkostanzi, li f'dan il-kaz huma s-segwenti:

*(d) meta l-ħati, fl-esekuzzjoni tad-delitt, jiġi mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed;*

*(e) meta l-ħati, fl-esekuzzjoni tad-delitt, jagħmel użu minn armi regulari jew armi irregolari;*

*(l) id-delitt sar bit-theddida ta' arma;*

*(m) id-delitt wassal għal ħsara ħarxa fiżika jew psikoloġika għall-vittma;*

Intant, permezz tat-tieni imputazzjoni, ix-xilja hija li bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghati setgha lil privat li jarresta lill-hati, l-imputati arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-parte civile Luke Vella kontra l-volonta' tieghu. Hawn, l-Avukat Generali iccita l-Artikoli 86, 87(1)(c), (e), (f) u 88 tal-Kodici Kriminali.

L-Artikolu 86 jghid li:

*"Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, ubarra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat lijarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persunakontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din*

*il-persuna tiġiarrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:*

*Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta'priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa"*

L-Artikolu 87 imbaghad jikkontempla cirkostanzi aggravanti fejn il-piena tad-delitt ghandha tkun ta' priġunerija minn tlettax (13)-il xahar sa sitt (6) snin. L-aggravanti relevanti ghal dan il-kaz huma:

*(ċ) jekk il-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata,tkun ġiet offiża fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt;*

*e) jekk id-delitt ikun sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex persuna oħra tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha;*

*(f) jekk id-delitt ikun sar sabiex persuna oħra tkun imġiegħla tagħmel jew tonqos li tagħmel att, li, jekkwieħed jagħmlu jew jonqos li jagħmlu volontarjament, ikun delitt*

L-Artikolu 88 tal-Kodici Kriminali jkompli jzid aggravant iehor meta l-offiża fuq il-persuna msemmija fil-paragrafu (ċ) *supra*, tkun taqa' taħt piena akbar mill-piena ta'priġunerija għal żmien sentejn, jew tkun ġiet magħmula jew saret flimkien ma' xi xorta ta' torturi, il-piena tkun ta' priġunerija għal żmien minn erba' snin sa sitt snin.

Minn natura taghhom, dawn iz-zewg imputazzjonijiet jitolbu li jigu trattati flimkien ghax anke' kif huwa allegat li sehhew il-fatti f'fan il-kaz, wahda possibilment wasslet ghall-ohra u ghandhom diversi elementi komuni.

Dwar ir-reat ta' serq ta' persuna, maghruf ahjar bhala *abduction*, il-Professur Anthony Mamo jghallem li:

> *"For the existence of the crime it is, therefore, necessary that the victim has been abducted, that is to say, taken or removed from one place to another [...] Abduction by violence can be committed against any person, whether male or female, whether of age or a minor, provided the intent of the agent was that of abusing the victim. [...] The offence is completed the moment the person is taken away with said purpose. The completion of such purpose is not necessary to constitute this offence".*

Dan ir-reat gie konsidrat minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz ***Il-Pulizija vs Omar M. Ammar Z. Jolgham*** (deciz fis-17 ta' Ottubru, 2007). Il-Qorti hemm konsidrat li

> *"meta waslu vicin tal-fond ta' l-imputat, l-imputat b'forza, qabad lill-minuri minn idejh, gibdu gewwa u sakkar il-bieb. Din il-Qorti taghraf illi dan il-htif tal-minuri sar bi vjolenza fizika u li sar ukoll b'ammont sostanzjali ta' qerq, fis-sens illi l-imputat baqa' jitrattjeni mal-minuri bi stedin repetut, sakemm it-tnejn waslu vicin hafna tal-fond ta' l-imputat, biex b'hekk l-imputat seta' facilment jahtaf lill-minuri u jdahhlu fil-fond tieghu bi vjolenza. Il-Qorti rat dak sollevat mid-Difiza, fin-nota taghha a fol 125, u b'ebda mod ma tista' takkolji s-sottomissjonijiet maghmula. Dan qieghed jinghad ghaliex l-Avukat Generali incita l-Artikolu 199(1), kif ukoll 199(2), u xejn fl-Artikolu 199(1) ma jindika xi rekwizit tal-post minn fejn il-persuna ghandha tigi misruqa".*

Fir-rigward tar-reat ta' sekwestru ta' persuna, issir referenza ukoll ghal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Christopher Zammit*** (deciza fl-1 ta' Dicembru 2022), fejn inghad li *"biex jissussisti r-reat ta' sekwestru tal-persuna huwa bizzejjed illi tirriżulta xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 86 u ċioè l-arrest, jew iż-żamma jew is-sekwestru*

*tal-persuna kontra l-volonta tagħha, u dan mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti".*

Il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu jgħid hekk dwar l-element materjali ta- reat in diżamina:

> *"It will be observed in the first place that the law does not, in contemplating the simple form of this crime, specify the purpose which may have actuated the offender in committing the illegal arrest, detention or imprisonment. The fact in itself is so odious that it calls for a punishment corresponding to the importance of the right violated, that is, the liberty of the subject. Whatever may have been the motive of the offender, such as the enforcement of a claimed right or taking revenge, or whether any motive is made to appear at all, if the fact of the illegal arrest, detention or confinement is proved, the offence subsists."*
>
> *The words "arrest detention and "confinement are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty:*
>
> *"Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro" (ROBERTI ibid, para 323)*
>
> *Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.*

**Maino** fil-ktieb tiegħu *Commento al Codice Penale* jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bħall artikolu 86 tagħna billi jgħid: *"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilita di scampo o di soccorso"*

**Antolisei** fil ktieb tiegħu *Manuale di Diritto Penale* jgħid: "*Le fattispecie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta non è totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. È necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*"

Minn dak li jispjega il-gurist Roberti, citat *supra.*, li r-reat ta' sekwestru tal-persuna jista' jirravvisa ruhu *"si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro"* , u cioe' li l-vittma hekk sekwestrat jigi trasportat minn post ghal post iehor iqajjem argument li dan ir-reat huwa assorbit fir-reat l-iehor ta' serq ta' persuna addebitat kontra l-imputati f'dan il-kaz, li skont il-Prof. Mamo, huwa kkunsmat appena "*the victim has been abducted, that is to say, taken or removed from one place to another*". Fiz-zewg ipotezijiet, il-vittma jigi mizmum u mehud kontra l-volonta' tieghu minn lok ghal iehor. Ghalhekk, il-Qorti, ai fini ta' piena, ser tqis it-tieni (2) imputazzjoni bhala assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni.

Il-parte civile Luke Vella jispjega li wara li gie mahrug mill-karozza, prova jahrab lejn in-naha l-ohra tat-triq fejn hemm it-Top Choice izda l-imputati qabduh u tefghuh mal-art tlett, sawwtuh u rabtuh bil-cable ties – "Dylan beda jifgani u jipprova jorbotni l-iehor Clayton". Jghid li imbaghad iddahhal fil-karozza u ttiehed go garaxx fejn kien maz-zewg imputati.

L-imputat Dylan Azzopardi, in kontro-ezami, qabel li dahhal lill-parte civile fil-karozza bil-forza sabiex jiehdu ghand ommu. Din id-dinamika, ghalkemm il-verzjonijiet tal-parte civile u tal-imputati, kif wiehed jistenna, jiddivergu xi ftit fuq xi dettalji, hija korroborata ukoll mill-istills mehuda mill-filmati CCTV elevati mill-Pulizija.

L-imputat Clayton Azzopardi stess fix-xhieda tieghu jispjega li filwaqt li huh Dylan Azzopardi allegament nizel ihabbat lil omm il-parte civile, hu baqa' fil-karozza flimkien mal-parte civile. Jikkoncedi li kien hu li f'dak il-mument gibed

filmat tal-parte civile "ha nara nbezzghu lil dan" waqt li l-parte civile kellu jdejh marbuta b'tie clips. Mill-kwadru tal-fatti, il-Qorti tifhem li Clayton Azzopardi kien qed jghasses lill-parte civile ma jmurx jahrab. Issa f'dan il-filmat appena msemmi, Clayton Azzopardi jinstama' car jhedded lill-parte civile li kieku kien ghalih, kien joqtlu u jpoggih "rasu 'l isfel go bir" filwaqt li javvertih biex "jimxi sewwa mieghu". Ladarba fix-xhieda tieghu Clayton Azzopardi jikkoncedi li kien hu li gibed il-filmat, argument dwar l-awtenticita' tieghu u l-ammissibilita' tieghu bhala prova qajla ghandhom siwi.

A bazi tal-premess, huwa stabbilit li zewg imputati Dylan u Clayton Azzopardi it-tnjen kellhom sehem attiv u dirett fl-ezekuzzjoni tar- reati ta' serq u sekwestru tal-persuna fil-konfront tal-parte civile Luke Vella.

L-aggravanti li jikkoncernaw l-uzu u t-theddid b'armi ai termini tal-Artikolu 202 (e) u (l) ma jirrizultawx sufficjentament ipprovati.

Mill-banda l-ohra, dawk naxxenti mis-subincizi (d) u (m) kjarament jirrizultaw ghax fl-ezekuzzjoni ta' dan ir-reat, iz-zewg imputati kienu qed jghinu lil xulxin rispettivament u in vista tal-konkluzjonijiet tal-Qorti dwar it-tielet (3) imputazzjoni *infra.*, huwa stabbilit li d-delitt wassal għal ħsara ħarxa fiżika għall-parte civile Luke Vella. Jirrizulta bla dubju ukoll l-aggravant kontemplat fl-Artikolu 87(ċ) tal-Kodici Kriminal ghax il-parte civile, waqt li safa arrestata, miżmuma u issekwestrat, gie offiża fuq il-persuna u mhedded bil-mewt.

Ghalhekk, ghal dawn iz-zewg reati komplessivament, il-Qorti sejra tikkundanna liz-zewg imputati ghal piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn kull wiehed.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni**

Permezz ta' din l-imputazzjoni, qed jigi allegat li l-imputati, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghedu l-hajja tieghu f'periklu car, hebbew ghall-parte civile Luke Vella, u kkagunawlu griehi ta' natura gravi, skond kif certifikat mid-diversi konsulenti medici involuti fit-trattament tieghu.

Illi l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-guddizju jindika l-artikoli 214, 215, 216 u 217 bhala dawk l-artikoli li tahthom l-imputati ghandhom jinstabu hatja.

L-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

L-artikolu 215 tal-Kodici Kriminali jistqarr li:

*L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.*

L-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali jistqarr (hekk kif inhu aggornat illum):

*(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin – (a) jekk tista' ġġib periklu -(i) tal-ħajja; jew(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ; (b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonqjew f'waħda mill-idejn tal-offiż; (ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħdamill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

L-artikolu 217 tal-Kodici Kriminali jghid li:

*L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn sentejn sa għaxar snin jekk tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korroživ*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz ***Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi*** fejn l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikament illi:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fiddawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[52]

Di piu fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Francis Dingli*** intqal:

*"… ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti."*[53]

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal- kaz ***Il-Pulizija vs Fortunato Sultana*** fejn id-distinzjoni bejn l-artikolu 216 u 218 tal-Kodici Kriminali giet spjegata:

[52] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004
[53] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fittermini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali."*[54]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich***

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*[55]

Stabbilit il-premess, f'dan il-kaz irrelevanti huwa l-ezami jekk l-offiza hux gravi jew gravissima minhabba li l-Avukat Generali ma inkludiex l-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali fl-Artikoli tal-Gudizzju.

[54] Deciza 5 ta' Frar 1998
[55] Deciz fit-2 ta' Settembru 1999

Illi l-parte civile Luke Vella gie ezaminat minn diversi tobba u konsulenti. Il-Qorti tirreferi inter alia, ghax xhieda tat-Tabib Dr Ryan Camilleri[56] u c-certifikat ezebit a Fol. 26 tal-atti. Minn dawn jirrizulta li l-parte civile Luke Vella fratturi fil-wicc konsistenti ma griehi gravi. Fil-fatt kien hemm bzonn ta' follow-up mid-dipartimenti tal-ENT u tal-oftalmologija tant li gie operat fix-xahar ta' wara l-incident. Mr Hermann Borg Xuereb[57], konsulent tal-ENT jghid li minkejja l-operazzjoni, il-parte civile xorta kien ghad ghandu grad ta' diplopia u ghalhekk gie riferut fid-dipartiment tal-oftalmologija. Dr Melvin Gouder[58], konsulent fl-oftalmologija jispjega li wara l-operazzjoni, il-moviment tal-ghajn leminija tal-parte civile mar ghall-ahjar imma mhux kompletament imfejjaq u li hija possibilita' reali li l-vista tibqa' ma tigix lura ghan-normal f'dan it-tip ta' kazijiet tant li jkun hemm bzonn nuccali bl-uzu ta' prisms fil-lenti sabiex tigi kkumpensata d-double vision ossija *diplopia*. Gie kkonfermat ukoll li l-parte civile kellu bzonn il-punti madwar l-ghajn minhabba l-blunt trauma.

Il-Qorti tinnota li verament l-Avukat jiccita l-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali bla ma jiccita xi subincizi partikolati u rat is-sentenza taghha kif diversament preseduta fl-isemijiet *Il-Pulizija vs Carmelo Dalli et* citata mid-difiza izda tirrileva li hija ma taqbilx mal-konkluzjoni hemm raggunta. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hija ghandha tapplika is-subinicizi relevanti <u>inkluzi that il-kappa tac-citat Artikolu 216</u> skont l-apprezzament taghha tal-provi ta' indoli medika li ngiebu quddiemha.

Illi stabbilita l-entita' tal-griehi, il-Qorti jidhrilha li huma sodisfatti l-voti tal-Artikoli 216(1)(a)(ii) u 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali dan ghax hemm sfregju fil-

[56] Fol. 178-182 tal-atti processwali
[57] Fol. 289-291 tal-atti processwali
[58] Fol. 560-567 tal-atti processwali

wicc kif ukoll debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, senjatament l-ghajn leminija tal-parte civile.

Il-Qorti tqis ukoll li htija taht l-Artikolu 217 tal-Kodici Kriminali qatt ma jista' tirrizulta ghax l-allegata arma lanqas biss giet ezebita in atti ahseb u ara kemm saru ezamijet forensici fuqha sabiex b'xi mod, l-uzu taghha, jekk kien il-kaz, jigi marbut mal-imputati jew min minnhom.

Il-Qorti issa trid tqis ir-responsabbilita' rispettiva ta' entambi l-imputati ghal din l-imputazzjoni. Fost provi ohrajn, il-Qorti tirreferi ghax-xhieda tal-parte civile fejn spjega car li jiftakar li qala' daqqa qawwija hafna vicin ghajnejh minn Dylan Azzopardi ghax kien bic-curkett. Jghid ukoll li "Dylan beda jifgani u jipprova jorbotni l-iehor Clayton". Fix-xhieda tieghu, Dylan Azzopardi jghid li ghaqdet glieda ma Vella li "qabad jaghti" u "jien bdejt naghti". In kontro-ezami sahansitra jikkoncedi li ta daqqiet lil Vella f'rasu. Dan kollu huwa korroborat mill-provi medici migjuba dwar *blunt trauma* madwar l-ghajn leminija ta' Luke Vella u dak kollu li rrizulta wara.

Ghandu jinghad, b'referenza ghal-iskuzant tal-legittima difesi sollevat mid-difiza fit-trattazzjoni, li din il-Qorti ma temminx li l-imputat Dylan Azzopardi kien f'xi hin qed jibza' mill-parte civile Luke Vella. Dan a bazi tal-fatt li kif jghid l-istess Dylan Azzopardi fix-xhieda tieghu, immedjatament wara l-incident dahlu fil-karozza u Luke Vella suppost kellu jiehdu hdejn ommu biex jitlobha l-flus. Jekk verament kien qed jibza' minn Luke Vella, ma jaghmilx sens li Dylan Azzopardi kien komdu mieghu fil-karozza ftit minuti wara. Dan jallaccja ukoll mal-fatt li din il-Qorti qed issib lill-imputati hatja ukoll tal-imputazzjoni trattanti *abduction* ta' Luke Vella u l-kondizzjoni medika prekarja ta' l-istess Vella wara l-incident.

Meqjusa l-provi fl-assjem taghhom, il-Qorti ssib li din l-imputazzjoni hija sufficjentament ipprovata fil-konfront tal-imputat Dylan Azzopardi u ghalhekk ser issibu hati taghha u tikkundannah ghal piena ta' sentejn prigunerija fir-rigward.

Mill-banda l-ohra, fil-konfront ta' Clayton Azzpardi il-Qorti ma thossx li din l-imputazzjoni giet ipprovata sal-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk sejra tilliberah minnha.

**Ir-Raba (4) Imputazzjoni**

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputati qed jigu mixlija li uzaw vjolenza sabiex igieghlu lil parte civile Luke Vella jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga. Prezumibbilment, hawn il-prosekuzzjoni qed tirreferi ghal hlas lura tad-dejn maghmul minn omm il-parte civile ma missier l-imputati.

Kif sewwa tissottolinea id-difiza fit-trattazzjoni, meta wiehed jezamina n-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju, jintebah li l-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali referibbilment ghal din l-imputazzjoni huma ***"251(e), (f), (g) u (h) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta"*** (sic.) Harsa lejn il-Kodici Kriminali tindika li fil-fatt, dawn is-subincizi citati ma jezistux taht l-Artikolu 251. Il-kwistjoni li trid tindirizza l-Qorti huwa jekk dan in-nuqqas iwaqqax il-validita' legali tal-imputazzjoni.

Il-Qorti tifhem ghall-liema artikoli ried jirreferi l-Avukat Generali izda madankollu hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Joseph Grima*, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni flismijiet *Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello*

*et* moghtija fid-19 ta'April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Tenut kont tal-premess, isegwi li l-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati stante li din l-imputazzjoni ma tirrizultax mill-ebda Artikolu kwotat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tal-Gudizzju.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni tikkoncerna l-addebitu tar-recediva solament fil-konfront tal-imputat Clayton Azzopardi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Id-difiza tieghu tissottometti li ma tistax jigi addebitat ir-recediva ghax ghalkemm giet ezebita sentenza in prima instanza li kienet moghtija fil-konfront tieghu[59], ma ttellax' ir-registratur sabiex jikkonferma jekk sarx appell u jekk il-multa hemm imposta thallsitx. Bhala fatt, il-kundanna permezz ta' din is-setenza kienet biss ghal multa.

Il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet *Pulizija vs Joseph Grech* deciza fit-28 ta' Gunju 2017 citata mid-difiza. F'dik is-sentenza inghad li *"sabiex allura id-decizjoni tista tintuza ai fini ta' recidivita' kif mahsub fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, jinhtieg li issir il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa"*.

[59] Folio 77 ta' l-atti processwali

Mill-atti din il-prova ta' tirrizultax u ghalhekk, fuq l-insenjament tal-Qorti tal-Appell, din il-Qorti sejra tillibera lill-imputat Clayton Azzopardi mill-addebitu tar-recidiva.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputati. Dik ta' Dylan Azzoardi[60] hija kwazi netta filwaqt li dik ta' Clayton Azzopardi[61] hija kemmxejn aktar voluminuza u tixhed ghal ghadd ta' reati, inkluz dawk relatati mas-sewqan, armi tal-nar u sahansitra theddid u ingurji lejn ufficjal pubblici.

Il-Qorti rat is-social inquiry reports relattivi ghaz-zewg imputati[62] u qiset il-konsiderazzjoni imressqin fiha.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

---

[60] Fol. 71 tal-atti processwali
[61] Fol.  Ta' l-atti processwali
[62] Folio 766 et seq ta' l-atti processwali

Intant, ghandu jinghad li tenut kont tal-portati tar-reati li taghhom instabu hatja l-imputati, Dylan Azzopardi in partikolari, idejn il-Qorti huma sa certu punt marbuta dwar il-generu ta' piena li effetivament tista' tinghata.

**Decide**

Fil-konfront ta' Dylan Azzopardi, wara li rat l-Artikoli 199(1); 202(d), (e), (l) u (m); 86; 87(1)(c), (e), (f); 88; 214; 215; 216; 217; 251(e), (f), (g) u (h) [sic.]; 383, 384; 385; 17; 31; 532 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issibu **hati** tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet filwaqt li issibu **mhux hati** mir-raba (4) imputazzjoni u qeda tilliberah minn kull htija u piena fir-rigward u tikkundannah ghal piena komplessiva ta' erba (4) snin prigunerija.

Fil-konfront ta' Clayton Azzopardi, wara li rat l-Artikoli 199(1); 202(d), (e), (l) u (m); 86; 87(1)(c), (e), (f); 88; 214; 215; 216; 217; 251(e), (f), (g) u (h) [sic.]; 383, 384; 385; 17; 31; 532A; 533; 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issibu **hati** tal-ewwel (1) u it-tieni (2) imputazzjonijiet filwaqt li qeda issibu **mhux hati** mit-tielet (3), ir-raba (4) u l-hames (5) imputazzjonijet u qeda tilliberah kull htija u piena fir-rigward, u tikkundannah ghal piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ghandha tigi sospiza ghal perjodu ta' erba snin (4) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat u fehmet lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi u r-responsabilitajiet tieghu inkluz dawk taht l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, skond l-artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Luke Vella u sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena qed torbot lill-ħati Clayton Azzopardi b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000) ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.

**Komunika: Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-hatja a favur ta' Luke Vella ghal perjodu ta' tlett snin minn din is-sentenza u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

**Komunika: Kummissarju tal-Pulizija**

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura espert skont l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba.

**Moghtija illum, il-25 ta' Frar 2025 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Registratur**